MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Numru 290/2005

Il-Pulizija
(Sp Raymond Cassar)
vs
Melanie Borg, bint Massimiliano,
imwielda San Ġiljan fit-3 ta’ frar,
1979

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata talli f’marzu, tas-sena 2005, u\jew fil-ġranet ta’ qabel, f’ħinijiet differenti fil-Qawra, b’atti magħmulin minnha li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, approprjat ruħha, billi dawwret bi profitt għaliha jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta’ ħaddieħor, li ġiet fdata jew ikkunsinjata lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifokat, u cioe’ ħadet u żammet għandha flus ta’ Martin Degabriele, li jeċċedu l-elf lira maltin, liema flus ġew fdati

jew ikkunsinnati lilha minħabba l-professjoni, industrija u kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħha jew minħabba depozitu neċessarju.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-10 ta' awissu, 2005 fejn l-Avukat Ġenerali wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
Fl-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' frar, 2006 fejn l-imputata tat il-kunsens tagħha biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' marzu, 2006 fejn l-imputat ammettiet l-akkuża miġjuba kontra tagħha fl-ammont ta' Lm400.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali ta' l-imputata li hi netta u li llum qed taħdem bi profitt. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizz-joni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------